# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

L-Erbgħa, 2 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 20.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Kunsilliera kienu lkoll preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittra ta' apoloġiji.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-aħħar laqgħa. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku semma illi hemm il-European Week of Sports. Il-Kunsill iddeċieda illi ssir sports day b'kollaborazzjoni maż-żewġ skejjel tar-raħal fl-aħħar ta' Settembru 2025.

20.3.2 Il-Kunsill Lokali rċieva talba mingħand is-Sur Donald Gauci sabiex isiru xi lezzjonijiet għat-tfal matul il-vaganzi tas-sajf ġewwa l-uffiċini taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma jsirx gwadan personali.

20.3.3 Il-LESA għamlet talba sabiex tikri l-ispazju tal-Għassa tal-Pulizija ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku. Dan sabiex jiġu rilokati l-uffiċini tal-ħaddiema tal-LESA. Il-LESA qed tipproponi l-ħlas ta' Eur4,000 fis-sena għal dan l-użu. Il-Kunsill Lokali qabel li jaċċetta din it-talba.

20.3.4 Il-Kumitat tal-Festa għamel talba lill-Kunsill sabiex jitħallas l-ammont ta' Eur360 mill-Kunsill għall-entertainment fil-festa tat-tfal. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu issa l-Kunsill qed jgħin ħafna b'modi differenti u l-għaqdiet qed jibbenefikaw ħafna. Is-Sur Horace Vella qabel mas-Sindku u qal li tajjeb ukoll li nagħmlu rendikont fl-aħħar tas-sena ta' x'ikunu ħadu l-għaqdiet permezz tal-attivitajiet li jkunu saru. Il-Viċi Sindku qablet ukoll li issa l-għaqdiet qed jibbenefikaw ħafna anke permezz tat-tisqija tas-siġar madwar ir-raħal. Għalhekk ġie deċiż illi ma tiġix aċċettata din it-talba.

20.3.5 Irċevejna talba għal permess mingħand l-Enemalta illi ser tkun qed tagħmel xogħolijiet ta' tqegħid ta' cable ġdid f'diversi toroq. Il-Kunsill approva l-permess iżda dan bil-kundizzjoni illi l-Enemalta għandi tgħatti l-wisa' kollu tat-triq bit-tarmak malli jitlestew ix-xogħolijiet.

## 20.4 Ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Bormla

Is-Sindku qal li ppreżentajna l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ ma' Bormla. Iċ-

ċerimonja tal-iffirmar ser issir nhar l-Erbgħa 9 ta' Lulju waqt il-programm mużikali tal-Banda. Peress li issa l-Kunsill mhux ser ikollu bżonn itella' attivita' apposta għal dan il-ġemellaġġ, is-Sindku tkellem mal-Għaqda tal-Banda u qed jitolbu Eur1,500 bħala kumpens tal-użu tal-attivita' biex il-Kunsill ikun ħallas parti mis-servizz. Ħadd ma sab oġġezzjoni

## 20.5 Għad-Dell tal-Akwadott

Issa li dieħel iż-żmien għal din l-attivita', ser issir laqgħa mal-għaqdiet kollha sabiex jiġu delegati x-xogħolijiet.

## 20.6 Attivita' tal-24 ta' Awwissu – Reġjun Għawdex

Is-Sindku reġa' fakkar illi din l-attivita' ser tittella' bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet mill-40 sena minn meta Kercem Ajax FC ħadu l-league

## 20.7 Periklu fi Triq Santa Katerina tal-Qabbieża

Inġibdet l-attenzjoni illi f'partijiet minn Triq Santa Katerina tal-Qabbieża qed tinżel it-triq jew qed titħawwaħ it-triq minn taħt. Għalhekk ġie deċiż li nqabbdu Perit sabiex jagħmel rapport u ngħadduh lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar sabiex jgħin f'dan ir-rigward.

## 20.8 Festa 2025

Is-Sindku qal li dalgħodu saret laqgħa mal-Għaqdiet u mal-Pulizija fejn ġew diskussi diversi punti sabiex l-għeluq tat-toroq isir b'inqas problemi.

## 20.9 Symphony of lights u Fjakkolata 2025

Il-Kunsill qabel illi nerġgħu napplikaw għal dawn l-attivitajiet bħas-soltu.

## 20.10 Ilmenti u Suġġerimenti

20.10.1 Saret talba sabiex issir Stop Sign fi Triq ix-Xagħri mis-sqaq li ħiereġ minn Tuta Agri. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

20.10.2 Is-Sindku semma illi tkellem mal-Għaqda tal-Armar sabiex għal żmien il-festa jarmaw festun fi Ġnien il-Familja.

20.10.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Biex jitranġa ħajt imwaqqa' fi Sqaq Xirfi. Ħadd ma sab oġġezzjoni;

- Biex jitranġaw żewġ madumiet fuq bankina fi Triq l-Avukat Anton Calleja. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

20.10.4 Il-Kunsillier Horace Vella talab sabiex jitnaddaf iż-żrar fi Triq il-Ġifna. Ser nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 20.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 20.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1.20pm u ġiet aġġornata għall-31 ta' Lulju 2025, fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv